IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru21 (sittax) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju, 2020, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**21.1. Item Nru 21.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

21.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.40pm u kulħadd kien preżenti

**21.2. Item Nru. 21.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

21.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

Wara li saru dawn il-korrezzjonijiet il-minuti ġew approvati unanimament.

**21.3 Item Nru. 21.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 Is-Sindku qal li l- bicca art ta' fejn il-Joe Joes bar tkellem mal-Perit u ser jagħmel survey biex nikkonfermaw jekk tistax tkun aċċessibbli u filkas jibda l-proċess tal-applikazzjoni l-Planning Authority. Is-Sindku kompla u qal jekk ma jkunx possibbli

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

nagħmluha bil-fjuri u siġar. Is-Sur Clayton Damata mil-uffiċċju tal-Perit Bezzina qalilna li r-rampa trid tkun twila 12 il-metru . Għalissa ser isiru 2 bankijiet u indawwluha bid-dawl li hemm eżistenti.

21.3.2 Is-Sindku qal li l-palm tax-Xatt, li hu parti mil-proġett Urban Greening ser jibda x-xogħol fil-ġimgħat li ġejjin.

21.3.3 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jitneħħa l-ġebel ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja u jitkompla ir-railing parti mil-proġett Kapitali. Għalhekk naraw jekk il-ġebel kbir li hemm jistax jittieħed b'xejn. Nistennew risposta sal-ġimgħa d-dieħla. Kulħadd qabel.

21.3.4 Is-Sindku qal li Sqaq it-tuta lest ix-xogħol u ġie tajjeb ħafna.

21.3.5 Is-Sur Attard qal li ġibna stimi ta' knis u il-Kunsill qabel li tintgħażel l-irħas offerta dik ta' David Grech. Il-Kunsill qabel li ser jibda minn nhar it-Tnejn 1 ta' Ġunju.

21.3.6 Is-Sindku qal li l-ħaxix tax-xatt, ta' wara l-grawnd u Triq il-Fortizza tal-Grazzja ser jitneħħa kollu fil-ġimgħat li ġejjin.

21.3.7 Is-Sur Attard qal li dwar il-gabbana li qed jarma max-xatt fil-weekend jidher li għandu permess pero ma jistax jikser il-kundizzjonijiet tal-permess li iżarma wara t-8pm, li ma jbiegħx Alcohol u li jkun il-persuna li għandu l-permess fuqu.

21.3.8 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jsir xogħol ta' bankini fi Triq Karmelo Ritchie, Triq C. Penza kantuniera ma' Dawret ix-Xatt ukoll. Il-Kunsill qabel li ser naraw jistgħux jagħmluhom il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

21.3.9 Is-Sindku qal li kellna email mil-CRPD fejn talbuna nirregolarizzaw ruħna fil-latrina biex nagħmluha aċċessibbli. Is-Sur Attard qal li hu spjegalhom li l-istruttura ma' inbidlitx tal-latrina kull ma sar xoghol ta' madum kisi għalhekk il-kobor hu li hu u ma stajniex nagħmlu toilet għal-persuni bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sindku qal li l- latrina hu maħsub li ser tiswa madwar 13,000 b'kollox.

21.3.10 Is-Sindku qal li jridu jsiru bollards tal-ħadid fis-slip way ta' quddiem Triq l-Ispnott minħabba li qed ikun hemm parking bl-addoċċ meta mhux suppost. Kulħadd qabel ma' dan.

IX-XGĦAJRA

21.4 **Item Nru 21.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

21.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk il-ħaddiema tal-Ozo Group waqfux. Is-Segretarju qal li lestew il-bankijiet u ma reġgħux ġew iktar. Jidher li fadal żewġ bankijiet li ma sarux u għalhekk ser jagħmluhom il-ħaddiema assenjati.

21.4.2 Is-Sa. Pulis staqsiet għaliex ċertu xogħol mhux qed nagħtu ċans li jsir mil-ħaddiema assenjati u b'hekk inkunu qed niffrankaw il-flus. Is-Sindku qal li hemm ħafna xogħol bħalissa u l-ħaddiema qed jagħmlu xogħol ieħor.

21.4.3 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk irċevejniex dwar ir-road humps. Is-Sindku qal li jekk mhux ser nirċievu sal-ġimgħa d-dieħla u jekk jaqbel kulħadd isiru 3 ġodda max-xatt tar-rubber. Kulħadd qabel ma' dan.

21.4.4 Is-Sa Pulis staqsiet jekk fi Triq Karmelo Ritchie quddiem il-ħanut tal-merċa hux ser jitnaddaf. Is-Sindku qal li ser jerġa ifakkar lill-Kuntrattur għaliex dik kellu jagħmilha wkoll.

21.4.5 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk nistgħux naħdmu biex nagħmlu dog park fi Triq il-Fortizza. Il-Kunsill qabel li wara l-bus shelter huwa post ideali.

21.4.6 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk nistgħux nitolbu lid-Divizjoni tal-Gvern Lokali jekk jistgħux jorganizzaw korsijiet għall-Kunsilliera jew leaflets ta' informazzjoni u li jkunu frekwenti.

21.4.7 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk il-pjanta tal-pitch tal-Boċċi lestijilniex il-Perit Buhagiar. Is-Segretarju qal li le u li qiegħed jiġri warajr ta' spiss.

21.4.8 Is-Sur Raymond Camilleri qal li fuq il-ħaddiema assenjati l-aħjar li jsir pjan ta' ġimgħa u anke bħala xiri ta' affarijiet jagħmluhom nhar ta' Tnejn u mhux joqodu jmorru kuljum u jinħela l-ħin.

21.4.9 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħu inqabbdu l-ħaddiema assenjati biex jagħmlu xogħol ta' konkos fir-rampa ta' fejn Smart City li tagħti għal baħar. Is-Segretarju qal li ser jiċċekkja u jitkellem mal-ħaddiema.

21.4.10 Is-Sur Camilleri staqsa jekk jistgħux jeħlu t-tabelli tal-catamaran minħabba l-mewġ li jagħmel hu u dieħel fil-port. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jitwaħħlu l-ġimgħa d-dieħla.

**21.5 Item Nru. 21.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

21.5.1 Ma kienx hemm rapoprti

**21.6 Item Nru. 21.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

21.6.1 L-affarijiet meħtieġa ġew indirizzati fil-punti preċedenti.

**21.7 Item Nru. 21.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

21.7.1 Pagamenti b'numru 93 ġew approvati unanimament.

**21.6 Item Nru. 21.6 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

21.21.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**21.9 Item Nru. 21.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

21.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.27pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 23 ta' Ġunju, 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt